# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin

Direttur: is Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dûardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EÛÛEL SENA. IL ĦAMIS, 27 TA ĠUNJU, 1912. Nru. 20.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaûħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneû minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Il Processionijet.

Ftit ġranet ilu, chellna occażjoni naraû ûaħda mil processionijet l'iżjed sbieħ ta Malta, cioè dic ta *Corpus*, u nhar il Hadd li ghadda chellna occażjoni oħra biex naraû processjoni ûisk sabiħa, cioè dic ta San Ġûann. Din hija ûaħda mil processjonijet li fi żmien l'Ordni chienet issir bl'iżjed solennità cbira, u ghalhecc huma obbligati jieħdu sehem fiha il Fratellanzi collha tal Belt, l'Ordnijet Religjusi u il Capitlu ta *San Paûl*, u ħadd ma jista jonkos, minghajr ma jati cont lill' Iskof ûisk irkik tarragjunijet tieghu. Fi żmien l'Ordni, din il processjoni chienet issir b'pompa li ma bħalha u ma chienetx tibka ruħ fil campanja li ma tigix taraha, b'maniera tali illi innisa xi drabi kabel ma jiżżeûûġu chienu iżommu id-dritt fil chitba taż-żûieġ illi ir-raġel ghandu igibhom nhar San Ġûann ghall processjoni, illi sas-sena li ghaddiet chienet issir dejjem fl'24 ta ġunju u minn issa il kuddiem issir fil Hadd ta kabel il festa ta San Pietru-Paûl, ghaliex il Papa nakkas il festi, biex inakkas chemm jista l'obbligi mil cunxienzi tal insara.

Nistħajjlu li xi ħadd ighid: Xi tfisser il processjoni li taghmel il Cnisja? Il Processjoni ghal min ma jafux hi l'istess Cnisja ambulanti, jigifieri li gemgha tal insara mal kassisin jeû is-Sacerdoti taħħom illi jimxu fl'imchien fost il cant tal inni imkaddsa jeû inchella it-talb. U ma hemmx bżonn tilbes cunfratija jeû xi ilbies ieħor particulari biex tista tieħu sehem fil processjoni: hu biżżejjed li ûieħed jinghakad mal oħrajn bil fehma li icun ûieħed minnhom. Eccu ghaliex il Papiet taû dejjem ħafna indulgenzi ghal cull min jissieħeb mal processjoni, specjalment mita icun hemm fiha Gesù Sagramentat, bħalma huma ta *Corpus* u tal *Qûaranturi* collha. Il Processjoni hi dimostrazzjoni pubblica tal fidi nisranja.

Meta hu hecc, liema kima ma ghandux icollhom l'insara ghall processjonijet? Meta tcun ghaddejja xi ûaħda, ħadd ma imissu jitchellem u ir-rgiel ghandhom iżommu il cappell f'idejhom, ghall'inkas meta hu ghaddejj il Cleru. U xi nghidu ghal min jaksam il processjoni, jeû ipejjep, jeû jiżżuffieta? U xi nghidu ghal min fil precessionijet tas-Sagrament jokghod fil gholi, fil gallarija, xi drabi bla ma jinżel ghar-rcopptejħ? Dan collu hu nukkas cbir tal Fidi li ma chienx isir żmien ilu, mita missierijetna chienu iżejjnu il gallarija u jinżlu fit-triek jaraû il processjoni. Nimitaûhom f'ħaġa hecc sabiħa, jecc mhux ghal ħaġ' oħra, ghall'educazjoni li tixirkilna.

M. P. G.

## Il Gara Catechistica.

X'in hi, kabel xejn, il *Gara Catechistica?*.. *Gara* jigifieri *silta, pica, tiġrija, ġostra*; u *catechistica* jigifieri *tal catechiżmu, tad-dutrina, tat-taghlim nisrani.* Mela, *Gara catechistica* tfisser *tiġrija fuk id-Dutrina* — biex nghidu aħjar, *pica* (jeû *imħatra*) min jaf l'actar it-*Taghlim tan-Nisrani.*

Din il *Gara Catechistica* (issa, la fissirna x'in hi, nidkghu 'nsejjħulha hecc) ilha issir tliet snin bejn it-tfal tal *Istitut ta San Ġacbu*, imkassmin f'żeûġ oksma, tal cbar u taż-żghar. U issir b'rekka cbira, taħt it-trigija tar-Reverendu Direttur, il Canonicu ta San Paûl Dun Carm Schembri, mghejjun minn Sacerdoti-Operarji u minn Seculari-Catechisti (jigifieri Kassisin li jaħdmu mieghu u Ghożżieb li is-sena collha ighallmu lit-tfal id-Dutrina).

Din is-sena, saret nhar l'erbgha tal gimgha l'oħra; u irnexxiet tant tajjeb, li ghaxxket il mistiednin collha (Monsinjuri, Provincjali, Sacerdoti, Professuri, Avucati u Persuni oħra mill'aħjar ta Malta).

Chien President taħha l'Iskof Monsinjur Portelli; u l'erba' Eżaminaturi chienu Monsinjur Ûigi Farrugia u Monsinjur Galea, Canonici tal Catidral, ir-Reverendu Dun Vicenz Schembri, Direttur ta li *Stitut tal Pilar*, u ir-Reverendu Dun Giusepp Darmanin, D.D. B. lit., Direttur ta li *Stitut ta San Flippu* tal Isla: erba' Sacerdoti ghorrief u tal ħabta.

Malli deher l'Iskof Portelli fuk il ghatba tal bieb il cbir, il *Côr ta San Ġacbu*, mghallem u immexxi mis-Sur Mast Carûana, canta l'*Ecce Sacerdos Magnus*; u, chif kaghd fuk is-*Siġġu tieghu*, Giorġ Borġ-Barthet, tfajjel daks nitfa, imma ħelu u fuk tieghu, kralu *Indirizz bit-Taljan*, mictub biċ-ċoffi u bil ghokod, mir-Rev. Dun Gûann Gaûci, D.D., M.A., ûieħed mill'ekdem operarji ta hemm geûûa; u, f'li stess ûakt, tfajjel ieħor, bin it-Tabib Cavalier Manûel Sajd — dac li fil Gara tas-sena l'oħra ħa il *Medalja taż-Żghar* u ix *Xarpa ta Princep*—resak jatiħ bucchett ûard.

Imbaghd, tcanta l'*Innu ta li Stitut* (poeżija tal Professur Patri-Majjistru Cuschieri u mużica tas Sacerdot Dun Anton Galea, LL.D.) li chien iżżanżan is-sena l'oħra; u, chif sichet l'applaûs, ir-Reverendu Direttur kara il *Proluzjuni* (jigifieri *Taħdita tal bidu*), fejn mal ħrara cbira li ghandu ghall gieħ tad-Dar t'Alla u ghall gid tal Pajjiż, ûira chemm hu gharef u chemm hu imħarreġ fid-dmirijet tieghu. It-*Taħdita* chienet tûila: iżda iż-żmien minn raħ ghaddejj?...

U, malli spiċċa, is-Sur Mast Carûana semmaghna biċċa mużica tal Cnisja minn daûc li jaf jicteb hu: *Tnehida lill Marija*, taħt l'isem ta Sedes Sapientiae, mictuba bit-taljan mil Professur Varelli: b'*Sulu* u *Côr* li saħħru il cull-ħadd.

Haûn ghalket l'eûûel taksima tal *Gara* bil premji ta daûc li, fl'*Eżami Privat*, ħarġu rebbeħin f'cull classi, sebgha tal Cbar u sebgha taż-Żghar, u li bejniethom ghandn isir l'*eżami publicu* ghall *Bandiera ta Imperatur*, minn fost il Cbar, u ghax-*Xarpa ta Princep*, minn fost iż-Żghar. Ħarġu rebbeħin daûn: Cbar— classi 14, Carmelu Griscti; classi 12, Giuseppi Amato; classi 11, Albertu Mallia; classi 10, Giuseppi Debono; clbssi 9, Carmelu Bonello; u classi 8, Giuseppi Cuschieri;—Żghar—classi 13, Giorġ Borġ-Barthet; classi 6, Antonju Tanti; classi 5, Oscar Herrera; classi 4, Enricu Galea; classi 3, Giuseppi Cassar; classi 2, Antonju Desani; u classi 1, Orazzju Serge.—Il premju tal classi 7 ma ħadu ħadd

Bejn daûn collha u bejn ħafna oħrajn—min ghall'imgiba tajjba, min ghax ma chienx jonkos mil lezzjonijet, min ghax qûiet u attent—tkassmu ħafna premji, jigifieri cotba, statûi, oggetti u fuk collox certificati, li tistghu taħsbu it-tfal chemm ħarġu cuntenti.

Ûara dan, bdiet it-tieni taksima bil *Gara bejn iż-Żghar* imkieghdin is-sebgha ringhiela fuk banc, fil gholi, biex l'*Eżaminaturi*, kuddiem cullħadd, jistaksuhom ûieħed ûara l'ieħor, scond il *Catechiżmu iċ-ċchejchien* ta Piju Ghaxra; u min ma iûiegebx ghall mistoksija li jaghmillu l'*Eżaminatur*, jaka—jigifieri jokghod bil-kieghda u joħroġ mil *Gara*, u din tibka sejjra bejn l'oħrajn, sa chemm l'aħħar tnejn jiġru flimchien u jibkghu iżommu iebes lil xulxin. Min minnhom igib l'aħħar mistoksija, li l'ieħor ma icunx ûiegibha tajjeb, joħroġ rebbieħ.

Din hi il *Gara*: u hecc saret bejn *iż-Żghar* u bejn il *Cbar*: imma *iż-Żghar*, bħalma ghedna, ûiegbu ghall *Catechiżmu iċ-ċchejchen*, mentri il *Cbar* ûiegbu ghall *Mistoksijet tkal fuk li Scrittura collha*, scond il *Catechiżmu il cbir.*

Fost *iż-Żghar* ħareġ rebbieħ it-tfajjel ORAZZJU SERGE, li ħa il Medalja tal fidda, ix-*Xarpa ta Princep* u pinna tal fidda

li irregalaħ Monsinjur Farrugia; u fost il *Cbar*, ħareġ rebbieħ GIUSEPPI AMATO, li ħa il Medalja tad-deheb, il *Bandiera ta Imperatur* u rigal tal fidda li Monsinjur Arci-Iskof baghat ghal min jirnexxi l'aħjar.

Frattant, bejn il *Gara* u l'oħra, is-Sur Mast Carŭana semmaghna l'*Ave-Maria* ta Gounod, li ghal-chemm il ħin chien ghamel chellu itenniha ghax l'applaŭsi ma riedux jisctu: u, imbaghd, il Prugramm spiċċa b'*Taħdita kasira* ta Monsinjur Portelli, li, b'kalbu f'idejħ, bħalma hi dejjem, faħħar il cull-ħadd chemm felaħ —u ma kal xejn żejjed. Tchellem bil Malti, biex jifhmuħ it-tfal iż-żghar ucoll.

Ir-Rev. Dun Gŭann Gaŭci indocra bi ħrara cbira il ghamla tal *Mistoksijet*: u, cull fejn chien hemm bżonn, kabeż ghat-tfal bid-dehen collu. Hakku, mela, min ifaħħru— bħalma ħakkhom min ifaħħarhom ucoll l'*Eżaminaturi*, li mexxeŭ il *Gara* bir-rekka u bis-seŭŭa.

Irridu 'nfaħħru xejn inkas il Professur Michel'Anġ Refalu, LL.D., is-Sur Santi Bisazza u daŭc is-Sinjuri l'oħrajn collha li irregalaŭ ghall *Gara* min il cotba tal premji, min il medalji, min li statŭi u oggetti oħra. U, fl'aħħar, irridu 'nsemmu is-Sur Albertu, bin il Perit Carmelu Mallia, ġuvnott ta spirtu u intelligenza cbar, li, chif is-sena l'oħra, hecc ucoll is-sena, żamm iebes sal aħħar lil dac li ħa il *Bandiera ta Imperatur tal Gara* u geŭ mumenti li taŭħ saħansitra l'applaŭsi.

Anzi, la gejna f'dan il cliem, irridu, bil permess tad-Direttur, naghmlu proposta: nixtieku li min iżomm hecc tajjeb sal aħħar icollu xi medalja, jeŭ xi *premju specjali*, jeŭ xi *certificat barrani*—f'chelma ŭaħda, tifchira tal battalja.

U issa nittamaŭ li il karrejja taghna jaħfrulna talli taŭŭalna iż-żejjed, ghax aħna jidhrilna—u hecc hu—li dan li *Stitut ta San Ġacbu*, fejn ulied l'aħjar familji tal Belt jitrabbeŭ fil biża t'Alla u fl'imħabba tal Patrja, hu il pedament tal educazzjoni taghna u cull-ma naghmlu ghaliħ katt ma hu żejjed.

## IL PROVIDENZA (*)

**Dialgu bejn Toni (fkajjar) u Peppi (ghani)**

Toni. Côss, Pepp, m'hux tas-seŭ li hemm il Providenza.

Peppi. X'inti tghid, Ton, mela k'ed toħlom.

T. Lè, naf x'jien nghid, kieghed nghid li ma hemmx Providenza.

P. Dan mîn kalulec ?

T. Kieghed nghidu jien; il ghaliex, chiecu chien hemm il Providenza, ma contx incun dakshecc imceŭlah u int liebes hecc tajjeb. Jiena bla lokma ħobż, u int ghandec ħafna kamħ maħzun; jien fix-xitŭa interter bil bard u fis-sajf ninkatel bix-xoghol fix-xemx biex nakla x'nitrejjak; u int fix-xitŭa tista tirtifed ġmielec biex tisħon u fis-sajf arac sejjer il banju, tixrob il-luminati...

P. Ghidli ħaġa, Ton; jakaŭ Alla midjun mieghec jeŭ tajtu xi ħaġa u ma raddhielicx?

T: Djun ma nafx li ghandna bejnietna, imma naf biss li jien bniedem bħalec, Pepp, u li ghandi il jedd nghix bħalec.

P. Bil mod, ħabib, ara x'inti tghid: jecc tlakka flimchien il merti tieghi ma tieghec, nista nghid li ghandec actar minni; iżda jecc iggibli id-drittijet lejn Alla nghidlec illi là jien u ankas int ma ghandna il jedd.

T. Chif? Mela, Alla kieghdni fid-dinja biex inbati?

P. Alla baghtec fid-dinja biex iggib ruħec fil ghajxien scond li stat li fiħ kieghdec; jecc ghani, tghix ta ghani; jecc fkir ta fkir.

(*) Nitolbu l'Imsieħbin u li Karrejja taghna jixtarru tajjeb din it-*Taħdita*, li hi mictuba minn Sacerdot maghluk f'Cunvet.

ID-DIREZZJONI.

T. Int, iva, malair taddatta ruħec, imma jien...

P. Kis li tcun giust, Ton; tghidx chelma b'oħra, okghod ras-in-b'ras ma ħadd-ieħor u tara li minn f'loc li tghemghem ghandec biex tiżżi-ħajr lill Providenza. Int m'intix id-disgrazzjat, inti b'saħħtec, ŭakt li oħrajn bla saħħa, morda...; tas-seŭ li icolloc taħdem bil fors, imma tista takla xi buccun...

T. U dan xi trid tghid biħ, li hemm oħrajn ghandhom raġun *ighemgmu iżjed minni* mil Providenza ?

P. Hadd ma ghandu il jedd ighemghem, il ghaliex ħadd ma jista ighid ll'Alla: *Int ma tajtnix chemm chien ħakkni.* Alla ghandu idejħ it-tnejn miftuħa biex ikassam gidu, iżda lil min jati iżjed u lil mîn ankas; u hecc ma jaghmel tort lil ħadd, ghaliex ma hu marbut ma ħadd. Imbaghd, fl'aħħar mill'aħħar, jidhirlec int li f'cull hemm li jaka fukec tŭaħħal fil Providenza? Ton, aħna dejjem conna sħab ta li scola: jecc ghadec tiftacar...

T. Iscot, Pepp, tfaccarnix f'li mghoddi.

P. Jaħtieġlec tiftacar.. Int cont miexi ġmielec f'li studju,u stajt issir tabib, avucat, nutar....

T. U nghid stajtx! Imma passjoni bla mghaccsa, saħnjet ta corla, proponimenti boloħ chif jaghmlu ħafna ġuvintur bla ghakal.

P. Fhimtec, ŭassluc f'dan li stat. Tajjeb ŭisk; issa ta daŭn trid tŭakka il ħtija fuk il Providenza? Imissec tibchi lilec stess, ghax int xħitt il ħaġra fuk riġlejc. Taħsibx li int ŭaħdec ġralec hecc: min jaf chemm haŭn fil condizzjoni tieghec !

T. Tas-seŭ li hu hecc: imma fejn katt cont nobsor li missieri sejjer jaħli gidu hecc malajr, u imut f'kasir il ghomor, u jien nibka bla sold, bla missier u bla ħila ta xejn.

P. Imma daŭn huma ħŭejjeġ li cont tista, anzi chien imissec tissoponihom; u fil periclu li il biċċa takleb ghall aghar chien xierak li tiġbed ghat-triek tas-seŭŭa: mela, iddur fejn iddur, dejjem ghandec tati ħtija lilec fid-disgrazzi u mhux lill Providenza.

T. Li chiecu cont ŭaħdi, pacenzja! Imma ghandi il màra.... u ma chienitx màra ghalija; u biex taghkad seŭŭa ghandi ruxxmata tfal. Ghaliex Alla baghtli daŭn collha? Ghax ma ipprovdilix ghalihom ?

P. Ghâdna dejjem banda ŭaħda; mîn ġaghlec tieħodha il màra? Ma tafx chemm chellec xi tghid ma l familja ghall capriċċ ta rasec? Issa fatta la żorba; ghid lilec in-nifsec: *Jiena ridtha*; mela....

T. Mela, nieħu pacenzja ! U uliedi?

P. Alla m'hux obbligat ihejji ghal mîn jigi fid-dinja palazz jeŭ ghorfa; ankas li jati ulied actar lis-sultan, milli jati lir-raghaj. Mela, ghandna nghidu ll'Alla, *Sinjur, inti is-Sid, u cull ma taghmel collu seŭŭa. Ghalhecc ghandna imbaxxu rasna ghall'or dnijet tal Providenza tieghec.* Imbaghd, jecc ma tistax taghmel ieħor, il carità....

T. X'naghmel? Nibghat l'uliedi jitolbu il carità ? Actarx!.... Iżjed naghżel ...

P. Din x'fiha ? Din hija ŭaħda ucoll mit-torok li Alla jiftaħ ghall ghajxien tal ħlejjak tieghu, billi imiss kalb daŭc li ghandhom iżjed u jatu lil mîn ma ghandux. La darba icolloc il ħobż biex tixba m'hux xorta ŭaħda ghalic tixtrieħ int jeŭ jatuhulec ?....

T. Biex nghidhilec chif inħossha, ma toghġobnix li min ghandu jati lil min ma ghandux. Jeŭ Alla ghandu jipprovdi lil cullħadd indaks, jeŭ jixrak li il bniedmin jaksmu collox bejniethom.

P. Lè, Ton, ebda ŭaħda ma ghedt seŭŭa. Ŭiegibni ghalli sejjer nghidlec: Li chiecu int cont ghani, chiecu cont tmur taħdem il ġurnata collha, cont taghmilha ta ben-nej, ta mastrudaxxa, ta scarpan, ta ħaddied u x'naf jieu ?

T. Tista taħseb! Chiecu cont incun irrid xi carozza taż-żeŭġ, jeŭ xi aŭtomobbli, biex niddeverti chemm irrid.

P. Mela, allura li chiecu issir kasma chif tghid int, u cullħadd icun ghani, u ħadd ma icollu bżonn jaħdem, min jiżra, min jaħsad il kamħ, min jidħnu, min jaghġnu, min jaħbżu ? U jecc dan ix-xghol collu ma isirx, chif tiecol il ħobż? Li stess nghidu fuk is-snajja l'oħra.

T. Eħ ! Issa kieghed nifhem li jaħtieġ jibka collox chif in hu. Ma hemmx, iżda, xi rimedju biex tisseŭŭa id-dinja ?

P. Mela, ma hemmx. Ir-rimedju hu li ingibu kuddiem ghajnejna li aħna insara; ma tafx, Ton, li m'aħniex sejjrin nibkghu ghal dejjem f'din id-dinja ?

T. Fuk hecc ma hemmx xi nghidu: cullħadd jaf li ghandna immutu.

P. U ŭara il meŭt immorru f'dinja oħra, fejn ghandna ghal dejjem ingaŭdu il premju tal opri tajjba taghna, jeŭ nieħdu il madmad tal ghamil ħażin. Mela, ma ghandniex ghax nokoghdu tant niddejjku jecc m'aħniex henjin ghal-collox. Il pellegrinaġġ taghna f'din id-dinja ghandu icun ghalina biex nhejju post hieni fl'oħra; u hecc it-tbatijet huma ta vantaġġ ghalina, scond ma tghallimna il fidi nisranija.

T. Imma min irid jaghmel penitenza ghandu jaghmilha minn rajħ. Li Alla iġaghalni naghmilha bil fors u minghajr ma hemm ghalfejn....

P. Ma hemmx ghal fejn ? Jakaŭ inti katt ma dnibt? U jecc Alla tac il mezz biex tisconta dnubietec, jeŭ jecc katt int innucenti, tac l'occażjoni li taccŭista meriti acbar, issejjaħ l'Alla ingiust u ma tistkarx li dan ghamlu ghax iħobboc ?

T. Mela....?

P. Mela, billi jiġuc il hemm u is-slaleb f'din id-dinja, ma ghandecx tghid li ma hemmx giustizzja fil Providenza t'Alla; imma, ghal cuntrarju, barra milli ma ghandec il jedd tippretendi xejn minn ghand Alla, ghandec iġġib kuddiem ghajnejc li bosta drabi int stess cont il caġun ta dan id-deni; u b'dana collu tista tapprofitta minnhom u icolloc vantaġġi cbar ferm jecc issofrihom bil pacenzja.

P.P.I.

## IL KALB ĦANINA TA PIJU DISGHA.

Billi haŭn bosta ghedeŭŭa ta daŭc ix-Xjuħ kalbenin, ta daŭc il Papiet li żejjnu b'li mgiba taħħom is-Siġġu ta San Pietru, ngħidu biss għal-lum dil biċċa li taksam il klub.

Fost il hemm u'l bichi collu li il ġrajja ta żminijetna tfaccar u tniżżel fil ctieb taħħa, ŭaħda minn daŭn il ġrajja ħorox hija bla-tlaklik xejn tal Principissa Carlotta tal Belġju, bint Leopoldu Ŭieħed, li tejjget ta ghoxrin sena mal Arciduca tal Aŭstrija Massimiljanu, dac li, ghall ħsiebijet tal Eŭropa, taŭħ, fis-sena 1864, is-saltna tal Messicu. D'il mara kalbenija mita fehmet li is-saltna chienet sejjra tiżlok mn'idejn żeŭgha, kasmet l'Ocêan u giet fil kieraħ tal Eŭropa biex titlob ghajnuna lis-slaten ħbieb taħħom.

Iżda malajr ittendiet li daŭca li fihom ittamat xi ghajnuna, ftit karashom mix-xorti tal Messicu: bil ftit il ftit li chienet tiġbor daŭn iċ-ċaħdiet, daŭŭret il ħsieb taħħa fuk żeŭgha li ħallietu ŭaħdu iħabbat ŭiċċu mal killa tal għaŭġ u ħaŭŭdet ŭisk rasha, li saħansitra tilfet moħħa u iġġennet.

Żeŭgha, miżmum f'ħabs f'art barranija, mingħajr ma jaf x'għadda mit-tŭajjba martu: u Carlotta min-naħa l'oħra, katt ma chienet taf sa ma mietet żeŭgha x'chien ħareġ għażlu.

Ferket l'Eŭropa collha, daħlet fil kieraħ tal artijet u nifdet f'*Saint Cloud*, biex

titlob għajnuna lill Napuljun it-Tielet. Iżda chellha iġġarrab il chefrija tan-nies tad-dinja! Napuljun ħasel idejħ ucoll. X'tagħmel il mara fl'akkal tal għali taħħa?.. Tiġġennen! Ħbiebha, li chieuu jatu ħajjithom għall' imħabba taħħa, ħaduha f'li Svizzera, u hija bil ħleŭŭa collha ħalliethom iŭassluha, siecta, li bil chemm ma 'nsietx il kadja taħħa. F'dakka ŭaħda tintilef u fil genn taħħa tissieħeb fit-tbatijet ta żeŭġha, bdiet cull-min jersak lejha taħsbu kattiel, tibchi, tgħajjat; ta ma dŭarha ħalleŭ li Svizzera u ħaduha f'Ruma. Is-Slaten tal Eŭropa telkuha fid-dŭejjak taħħa, u hija iddur għall għajnuna tal Papa. Dan għal chemm dgħajjef u 'mħabbat hu ucoll, igħinha u isabbarha bi mħabba ta missier ħanin.

Chif ŭaslet, talbet li titchellem ma Piju Disgħa; u dan malajr bagħat iż-żŭiemel tiegħu sabiex iŭassluha f'*San Pietru.*

Dana hu cullma sar u 'ntkal bejn il Papa u 's-Sultana tal Messicu, chif ighid Adolfu Villemard. Piju Disgħa ifittex isabbarha bi cliem ħelu, u itaffilha l'ugieħ ta kalbha; hija, f'dakka ŭaħda, iddaħħal idha fil chiccra taċ-ċocculata, li ftit kabel chienu giebulha, bdiet theŭden li kiegħda tmut bil ġuħ, li tibża tiecol għaliex l'ichel fiħ it-toscu.

Il Papa, mgħolli u bid-dmuħ f'għajnejħ, jicteb malajr lill Cardinal Antonelli u jitolbu li igib żeŭġ tobba liebsin ta kassisin, sabiex ma tinkatax. Xorbot, imbgħad, iċ-ċocculata, bdiet titchellem bid-dehua fuk il Messicu; il Papa, meta raha fid-dehen taħħa, ried iŭarrab minnha u kalilha li sejjer sabiex jilħak dmiru mal Cardinali. Iżda hija ma rieditx titbiegħed minnu, u katlu ucoll li kabel ma jidlam ma toħrogx minn hemm geŭŭa.

Chienet il-leħħa tal genn!

Daħal il-lejl u ŭieħed minn ta ma dŭarha kalilha biex joħorġu;u hija,mitlufa,kaltlu:«Inti ucoll, Conti, De Bombelles, trid il meŭta tiegħi?...Ma 'rridx noħroġ;irrrid nibka haŭn!»

X'jagħmel il Papa?..Oh, x'kalb ħanina! Bis-sabar collu jordna li il biblioteca titbiddel f'camra tar-rkad, fejn għaddiet il-lejl, flimchien mad-dama taħħa Del Bario.

L'għada,ankas riedet tŭarrab minn hemm geŭŭa kabel ma igħallku il daŭc il kattelin li chienet toħlom bihom fil genn taħħa.

Għalhecc il Papa, biex ma iħallihiex imxerrda, ħa ħsiebha, kiegħdha mas-Sorijet f'Abatija,ŭara li chien staksa u ħa l'aħbarijet ta żeŭġha; Hu stess beda imur iżurha fin-nichet taħħa

Ħadd mis-Slaten kaŭŭijin tad-dinja ma mar jaraha, ħadd ma ŭakaf maħħa ħlief biss il Vigarju ta Cristu.

Ħadd mil gażetti ma tniffes fuk il misteru ta din il vittima innucenti tal Pulitica; ħadd biss ma faccar l'isem ta din ir-Regina hecc kalbenija, ħlief biss il Papa.

U chemm għamil tajjeb nistgħu inżidu fil ħajja ta li Mkaddes Piju Disgħa!

GIUSEPPE MICALLEF GOGGI.

## Ma dûar il Gżira.

Niżżu-ħajr lill Cumitat tax-*Xirca Economico–Agrarja,* li għoġbu jistiednna għall *Ŭirja tal Biedja* li sejjra issir il-Buschett, lejliet u nhar l'Imnarja,jigifieri għada ŭara nofs in-nhar u pitgħada fil għodu. Ma nonksux.

—Jiddispjacina li l'articlu, sabiħ ħafna, fuk il festa tal *Kalb Imkaddsa ta Gesù*, f'Raħal-ġdid, ŭaslilna tard għall gimgħa li ħarġet u issa għadda ŭisk żmienu. Imma nifirħu lin-nies ta dac ir-Raħal, għax chellhom tas-seŭ festa devota. Nafu ucoll chemm hi cbira il ħrara tar-Reverendu Cappillan Dun Salv Chircop, D.D., għall kima tad-Dar t'Alla u għall gid tal Poplu: u ma stagħġibna xejn bid-dimostrazzjoni li sarittlu, għax persŭasi li tisthoklu.

—Nirricmandaŭ lill' Imsieħbin u lill Karrejja tagħna li jafu bit-Taljan (huma ħafna) biex ma jibkgħux ma iħasslux il ctieb li sejjer joħroġ il Protessur Ŭigi Billion, taħt l'isem ħelu ta *Fiorellini di campo.* Tcun ġabra ta poeżiji fiha x'tiżen, għax is-Sur Mast Billion, barra milli hu letterat u poeta mittajjbin, chiteb dejjem ħsiebijet għolja; u il *Fjuri* li bexxku mil pinna tiegħu dejjem xerrdu ma dŭarhom il fŭieħa tar-Religjon u tal Patrja.—Anzi, la gietna ix-xokka f'moxtha– chif ighid il Malti—irridu nirriccmandaŭ ucoll li Scola tiegħu, għad li m'haŭnx actar missierijet li ma semgħux chemm tât cull sena frottijet tajjba, l'actar fl'eżamijet għad-dħul tal Liceo. Ir-Sur Mast Billion, ragel tar-ruħ u missier esemplari, mhux biss li għandu ħabta cbira—*dôn particulari li taħ Alla,* kalilna, darba, li Mħallef De Bonu — biex igħallem lit-tfal, imma iħobbhom, u daks chemm igħallimhom bil ħrara, daks hecc ieħor jibża għalihom, fil ħŭejjeġ tar-ruħ u tal gisem.

—Ir-*Rumanz* nissoctaŭħ gimgħa oħra,għax, din id-darba, Monsinjur Galea chellu dmirijet li ma setgħux iħallulu żmien għalina.

—Iż-żeŭġ poeżiji -- *Tifħira lil Alla* u *Daŭra mal plajja*—ma nistgħux ingibuhom kabel ma nitchellmu ma min bagħathomna.

—Is-*Serata* tal PICCOLO ARTISTA De Sani, fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica,* nhar il ħamis li għadda, marret tajjeb ŭisk; u mhux biss hu, li saritlu festa minn cull-ħadd, imma il Cumitat ucoll ħareġ cuntent mil folla cbira ta nies li imliet bħal bajda, għal darba, tnejn, tlieta u erbgħa ucoll, is-Sala taċ-Cinematografu. Il gemgħa, imbagħd, li għamel kalb in-nies bil bacil mita ħareġ ikassam il bucchetti tal ŭard, compliet il biegħa, għax chien hemm min taħ saħansitra il fidda.

—Dac it-tifel li canta, lejliet San Ġŭann, il *Magnificat* tas-Sur Mast Vassall għandu kaŭŭa u ġmiel ta vuci li ma nafux smajnihiex darb' oħra fit-tfal, għad li aħna immutu għalihom u immorru cull fejn incunu nafu li għandhom icantaŭ. F'li strofa *Esurientes implevit bonis* għaġgibna għal-collox: u ma-dan-collu chien jixraklu is-Sur Mast Vassall isib tifel bħal dac għall *parti tas-Supran,* għax il *Magnificat* tiegħu, li Mustafà, u Hartman, u Perosi ma jistgħu jagħmlu xejn aħjar minnu, jitlob sodizza cbira fil cant u fl'orchestra.

—Fit-2 ta lulju, jigifieri nhar it-tlieta tal gimgħa id-dieħla, għandha issir lakgħa cbira fit-*Teatru Manŭel* fuk il qŭistjoni tal Lingŭa Taljana, li reġgħu kanklu il Cumissjunari mibgħuta mir-Re: u nittamaŭ li tcun tal impurtanza daks dic li saret f'jannar li għadda jeŭ actar, għax il Malti iridu taparsi idaħħluħ fil Krati biex jitfgħu it-trab f'għajnejn il poplu baxx, imma il ħsieb taħħom hu li jekerdu it-Taljan, biex idaħħlu l'l'Ingliż: u mita jidħol l'Ingliż, imsejchen Poplu għoli u baxx, għax li Mħallfin, il Magistrati, l'Avucati, il Periti, l'Impiegati cbar u żgħar, sal Purtieri u il Messaggieri—u saħansitra li stess Ħakk—collha icunu Ingliżi. Il Cumissjunari kalu ċar fir-*Rapport* taħħom li, mita jitressak Ingliż kuddiem il Korti, ma għandux isib il Ligi bit-Taljan u Mħallef jeŭ Magistrat Malti: fi ftit cliem iridu Ligi, u Mħallfin, u Magistrati Ingliżi. Sbejjħa din! Min jaf x'chienu ighidu il Cumissjunari tar-Re, chiecu daŭc iż-żeŭġ Maltin li, xi gimgħatejn ilu, tressku kuddiem Korti tal Inghilterra għax siefru minn haŭn maħruba fuk vapur biex ma iħallsux in-nol, kalu lill'Imħallfin ta hemm: Aħna ħaddiema tal faħam! Aħna ma nafux bl' Ingliż! Mela, iridu Mħallef u Avucati Maltin: u il caŭża tagħna irriduha issir bil Malti?! ... Jecc aħna (sùdditi fidili tar-Re daks l' Ingliżi) ma għandniex il jedd li il caŭżi tagħna isiru geŭŭa l'Inghilterra bil Malti jeŭ bit-Taljan, li hi il lingŭa tal Krati tagħna scond il Ligi, għaliex l'Ingliżi għandu icollhom il jedd li il caŭżi taħhom isiru geŭŭa Malta bl'Ingliż? ... Taraŭ, mela, chemm hi tar-rekka il qŭistjoni tal Lingŭa Taljana fil Krati; u li, jecc tinkered hi, l'eŭŭel b'li scuża tal Malti u imbagħd bid-daħla tal Ingliż għal-collox, id-deni icun tal cbar u taż-żgħar: imma, la darba għandha issir il lakgħa li semmejna, għal issa niekfu haŭn, biex natu iż-żmien liż-zmien.

—Nifirħu b'kalbna collha lis-Sur Neguzjant John Apap, li nhar is-sibt li għadda giè magħmul CAVALIER TAL BAŻILICA TA LORETU: onur li chien ilu jisthokklu u li ħa gost biħ cull-ħadd. Il Cavalier John Apap—ragel li jaf tas-seŭ jisserva b'gidu għall gid tal Cnisja u tal Poplu—hu ŭieħed mill'actar ħabrieca fost il Membri tal *Cumitat tal Appostulat tat-Talb* u jaħli il ġranet sħaħ fiċ-Circlu tal *Unjoni Caltolica* fejn jaħdem b'rasu u b'idejħ għall fejda tan-nies tas-snajja.

—Ħadna pjacir cbir bid-daħla tal Processjoni tas-*Sultana tas-Sagro Cuor,* nhar il ħadd, geŭŭa tas-Sliema, għax mal qŭantità cbira tal Fratelli u tal Patrijet, chien hemm is-serietà, il qŭiet u l'ordni. Id-dimostrazzjoni, imbagħd, chienet tas-seŭ reliġjusa, jigifieri bit-torci u il bucchetti mexjin kuddiem il Madonna, flimchien mal cant ħelu tat-tfal tal *Freres* u ma xita ta fjuri nieżla mit-tŭieki u mil gallarijet, imma mingħajr għajjât u mingħajr ħmerijet. Prosit.—*Il Processjoni hi dimostrazzjoni publica tal fidi nisranija*— kal Monsinjur Gaŭci, fl'articlu li gibna illum stess fuk il PROCESSJONIJET! Nixtarru tajjeb daŭn il chelmiet!

—Nhar il ħadd li gejj, fit-8 ta fil għaxija, sejjra tiżżanżan, fil piazza ta ħal Kormi, Società Mandolinistica ġdida, li giet mgħakkda bejn dilettanti minn dac ir-raħal, taħt l'isem ta *L'Indipendenza*; u li, b'ħames xhur scola taħt id-direzzjoni ta Giorġ Żammit, irnexxhiela thejji-ruħha biex iddokk barra. Fost il bcejjeċ l'oħra, sejjrin jindakku Sinfonija ta Herman u l'Intermezz tal *Cavalleria.*

—Nhar il ħadd li gejj, 30 ta ġunju, mill'4 u nofs il-kuddiem, sejjra issir *Fiera Cbira* fl'Oratorju Sależjan ta Birchircara. Icun hemm ħafna ħŭejjeġ ġodda u ta divertiment cbir. Il baned *King's Own* (tal Belt) u *Duke of Connaught*(ta Birchircara) idokku programm sabiħ cull ŭaħda. Il Bitħa tal Oratorju tcun imżejjna b'disinn fantasticu u ŭara inżul ix-xemx icun hemm luminazzjoni famusa *alla Venezjana.* Id-dħul *zeŭġ soldi.*

—L'għada tal *Gara Catechistica,* it-tfal li hâdu il premji, u tal Côr, u oħrajn li issemmeŭ f'xi ħaġa, flimchien mal Capijet taħhom u ma min chellu xi sehem fil *Gara*—b'collox, ma dŭar 150 ruħ—marru divertita *Baħar iċ-ċagħc,* fejn inħallucom taħsbu chemm ixxalaŭ, l'actar għax chellhom maħhom il Banda tas-Sależjani. Li spejjes ħargithom persuna ŭaħda minn butha, biex tagħmel il kalb lit-tfal, li tas-seŭ, ŭara tant studju u tant taħbit, chien hakkhom iderru dic il ġurnata fil Campaja: imma l'isem ta dic il persuna, li hi imdorrija tidħol għall nefka bħal din, ma nistgħux insemmuħ.

—Nhar il ħadd li gejj, fil Cnisja ta *Santa Caterina d'Italia,* (strada Mercanti ħdejn il Posta) il ġuvintur tal *Guardia d'onore* jagħmlu il festa taħhom, bi *Tkarbina* fil għodu, kuddies ŭara xulxin sa nofs in-nhar, kuddiesa sollenni fid 9, panigircu bit-Taljan fil għaxija u l'*Offerta lill Kalb Imkaddsa ta Gesù,* li tcompli bit-*Te-Deum* u bil Barca. Il mużica—chif ighid il Prugramm iffirmat mir Reverendu Patri Grech S.J, bħala *Moderatur,* u mill'Avucat Paŭlu Azzopardi, bħala *Segretarju*—tcun scond il *Motu Proprju;* u sejjra tarġa issir il kuddiesa il ġdida tas-sur Mast Attilju Pizzuto, li diġà faħħarna f'din il gażetta.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—12.Dac li trid jeŭ tixtiek tagħmel u ma tistax, Alla igħoddulec bħal magħmul.

## Ma dûar id-dinja.

— Għaż-żjara tal Cżar tar-Russja f'Mosca, leila ŭaħda, elf pulizjott, barra mit-travestiti, arrestaŭ fuk tliet elef ruħ, nisa u irgiel, il hemm chienu inġabru sabiex ifittxu ix-xogħol u f'saghtejn siefruhom imxerrdin ma bosta bliet.

— Hemda cbira hemm fil gûerra ta bejn it-Toroc u it-Taljani; biss ħabbrulna li daûn irnexielhom iniżżlu numru ta suldati Busheifa, li tinsab sittin mil boghod min Trupli lejn il Vant. Intant, it-Taljani imcheċċijin mit-Turchja, cull-jum kieghdin jitilku; imma bosta u bosta ghad fadal u ghalihom il Gvern Toro taûûal iż-żmien ghal ħmistax il ġurnata oħra; u min ġdid raga taûûlu sas-sibt li ghadda.

— Fil krib ta Stokolma tren tal passiggieri ħabàt ma ieħor tal merci. Mietu fil ŭakt tmintax ir-ruħ u sittax bakghu feruti ghall meŭt u minnhom tnejn mietu chif chienu sejjrin bihom li sptar. Sahansitra ir-Regina marret fuk il post tad-disgrazzja.

— Il Portughiżi fidili lejn ir-Re ghadhom jithabtu sabiex iûakkghu ir-Repubblica.— Ftit ġranet ilu, il Gvern kabad vapur mghobbi b'armi u munizzjonijet ghall fidili tar-Re. — Saret ucoll tfittxija u sabu li imxerrdin fil lucanda ta Bruges chienu jinsabu 250 minn daûn il fidili.—

—Douni ( Franza ), żeûġ areòplani, im-mexijn mis-Sotta-Tenent Peignian u mil Captan Dubois, habtu ma xulxin f'gholi ta tmenin pied. — Iż-żeûġ fizzjali fil ûakgha geû taħt l'areoplani imħabblin flimchien, u bakghu mejjtin.

—Il *Prince of Wales*,nhar il Hadd,ghalak tmintax il sena; ghal dakstant ħalla Parigi ghall Londra, fejn chellu icollu festi cbar.—Il Gvern Franciż, f'dina l'occażjoni, taħ il Cbir Curdun tal Legjuni tal Unur.

—Is-sena li gejja jispiċċa iż-żmien tal President ta li Stati Uniti tal America, li scond il ligi ghandu jigi maghżul sena kabel—u maghżul mhux minn cull-ħadd, iżda mid-deputati li jiġu maħtura minn cull-belt.—Hemm lotta cbira ûisk, ghaliex ħafna iridu il President li illum ghandhom Taft u oħrajn iridu Roosevelt, li chien President kabel.—Iż-żeûġ partiti donnhom ta kaûûa ûaħda.

—It-taghlim, li m'hux scond Cristu u il Cnisja tagħna, ħassar il moħħ u il kalb tal bniedmin— u minn hecc gejjin ix-xioperi li bihom tinsab maħkura l'Eûropa collha.— Ma chienx biż żejjed ix-xopru tal Inghilterra, ieħor nakraû fl'Aûstrija, ieħor fil Portugall, u issa minn ġdid Franza, fejn il Gvern chellu jibghat il Posta fuk turpidiniera.— Il vapuri collha ûiekfin, u ghal hecc illum il vapur tal Cumpanija Transantlantica Franciża ma ûasalx fil port tagħna, u Alla jaf meta jarga jigi.

—Nhar il gimgha li ghaddiet, fit-8 ta bil lejl, il Papa mar jara iċ-Cinematografu li sar geûûa il Vatican, fis-Sala tal Concistoru. Fost il ħûejjeġ l'oħra, il Papa ra iż-żanżin tal Campnar ta *San Marc* ta Venezja, li hu tant ghal kalbu. Chien hemm ucoll jaraû iċ-Cinematografu ħut il Papa (tliet xebbiet xjuħ) u in-nepputijet Tieghu, flimchien ma nies oħra minn ta geûûa il Vatican.

## TŬISSIJET FUK IS-SAHHA

(*Jissocta fuk it*-Tfal)

Illum ghandna nitchellmu fuk it-taghlim (*educazioni*) u dan jaħtieġ li niccunsidraûħ f'żeûġ partijet: it-taghlim tal *moħħ* (*Studiu*) u it-taghlim tal *kalb* (*Virtù*).

L'istudiu ma ghandux jinbeda kabel it-tifel jeû it-tifla icollhom sitta jeû seba' snin, għàliex il moħħ icun ghadu m'hux iffurmat biż-żejjed biex jista jaħdem u jecc tħaddmu kabel, li dan ibati, ma jicbirx iżjed u it-tifel f'loc ma jitghallem u isir gharef imur l'ura u jiblieħ. Certi missierijet u ommijet ifittxu jibaghtu l'uliedhom li Scola ghax icollhom mit sena jaraûhom jakraû u jictbu, u biex ucoll jispiċċaû minnhom mid-dar. Anzi taraûhom jiftaħru: Binti ghad ghandha sitt snin u diġà taf takra u ticteb, ibni ghandu sebgha u Alla ibierec giè l'eûûel fil classi u ħa il midalia. Dan m'hux gid, imma deni. It-tfal b'daks hecc f'loc ma jiġu il-kuddiem f'saħħithom u jicbru, isiru ûiċċ ta xjuħ, jisfaru, jaktghu l'ichel u ma jicbrux chif imisshom.

Sa ftit żmien ilu, tal fokra chienu jinbaghtu *f'li Scola tan-Nuna*, xi armla jeû xebba maghmula li, biex tghin ruħha, chienet tiftaħ scola u in-nies ta mad-dûar chienu jibaghtu l'uliedhom fiha biex jokoghdu miġburin il ġurnata collha, u hecc l'omm tista takdi affariha u taħdem bla xchiel tat-tfal. Imma f'daûn li schejjel tan-Nuna, f'camra ûaħda, actarx fid-dlam u bir-rûejjaħ ħżiena, it-tfal marsusa bħassardin, chienu jitilfu saħħithom ghax jonksuhom *l'arja*, *id-daûl* u il *mot*, illi, bħalma ghedna kabel, actar jinħtieġu mill'ichel biex jisaħħu u jicbru it-tfal — Daûn li schejjel, niżżu-ħajr ll'Alla, ma ghadhomx jinsabu, ghax il Pulizija trid li icunu scond il Ligi: jigifieri cbar, indaf, imdaûlin tajjeb u bil btieħi jeû ġonna maħħom, fejn it-tfal jistghu jilaghbu u icollhom l'arja, id-daûl u il mot li jaħtieġu.

F'lochom haûn Schejjel oħra miżmuma mis-Sorijet, tant ghall fkar chemm ghassiniuri, fil bliet u fir-rħula.— Cull-imchien hemm li Schejjel tal Gvern, li huma miżmumin tajjeb scond il Ligi.—Daûn is-Sorijet, daûn is-Surmastrjet u Majjistri jafu chif ghandhom iżommu it-tfal, x' ighallmuhom scond is- snin li ghandhom, chif iżeûûkulhom it-taghlim mar-ricreazzjoni, jieħdu ħsieb saħħithom daks chemm ifittxu li ighallmuhom scond ma moħħom jista jarfa. Jecc dan ma jaghmlux chif jixrak, icunu jonksu minn dmirhom, f'loc gid icunu jaghmlu deni ; ghax biex iseûûulhom moħħom iħassrulhom saħħithom.

Meta it-tfal jaghalku is-seba' snin ghandhom jibdeû jitghallmu jakraû u jictbu bil malti, biex jecc ma jibkghux imorru li Scola (bħalma actarx jigri fil campanja u fost il fokra tal bliet ucoll, ghax jibdeû iridu ighinu l'ommhom u il missierhom) meta jaslu mal ghaxar snin icunu ghal l'inkas jafu jakraû cotba li bihom jitghallmu il ħûejjeġ li jinħtieġu tant ghar ruħ chemm ghall gisem, u icunu ucoll capaci jictbu l'ittri li bihom jistghu jagharfu dac li jaħtieġu lill' oħrajn maltin bħalhom, tant f'Malta chemm band'oħra.

Haûn nisthajjel min ighidilna li dan telf ta żmien, ghax il malti ma iservi ghal xejn, aħjar ighallmuhom bl'Ingliż jeû bit-Taljan. Aħna inûiegbu bil cunxienza collha illi dan it-Taghlim li iridu daûn icun veru telf ta żmien ghax fil ftit taż-żmien illi it-tfal jibkghu f'li Schejjel ma jistghu katt jitghallmu jakraû ctieb u jifhmuħ, jeû jictbu ittra tifthiehem, b'lebda lingûa oħra ħlief bil malti. Il ftit li jistghu jitghallmu, bħall pappagall, b'lingûi barranija, jinseûħ malli iħallu li Scola, ghax ma jisimghuħx iżjed u la fid-dar u l'ankas barra fit-trekat, cotba b'daûn il lingûi ma jakraûx ghax ma jifhmuhomx, u ittri ma jictbux ghax ma icunux jifthiemu minn sħabhom.

B'daks-hecc, aħna ma irridux nghidu illi l'ingliż u it-taljan ma ghandhomx jitghallmu f'li Schejjel tal Gvern u fil Privati. Anzi, irridu illi ighallmu li ûaħda u l'oħra minn żghurithom, imma mhux fuk il cotba, imma bil *fomm biss*. Aħna nixtieku u nirriccmandaû illi f'li Schejjel collha il Majjistri, is-Surmastrijet, is-Sorijet u il Patrijet, ma ichellmux lit-tfal żghar u cbar ħlief b'lingûi barranija, seûûa bl'ingliż, chemm bit-taljan, u bil franciż ucoll (bħalma kieghed isir f'bosta culleġġi). B'daks hecc minn ċcunithom it-tfal jibdeû jifhmu u jitchellmu b'lingûi oħra, ghalavolja ma icunux jafu jakraûhom u jictbuhom. Dan it-taghlim bil fomm ma iħabbilx ras it-tfal żghar, imma il lingûi jakbduhom bil ħeffa, u dac li icunu tghallmu hecc f'żghorithom ma jinseûħx iżjed f'ghomorhom collu, u jibkghu jistghu jifhmu u jirrispondu il min ichellimhom bil lingûa illi tghallmu meta chienu tfal. Chemm haûn nies illi ghalavolja ma jafux jakraû, jistghu jifthemu b'lingûi barranija, ghax tghallmuhom bil fomm biss meta chienu żghar?

Dan scond il fehma tagħna, chien icun gid cbir ghal daûc collha illi ma iridux icomplu jistudiaû u jieħdu xi professjoni, imma, malli jaslu ta ghaxar snin, iħallu li Scola biex imorru ghax-xoghol. Biex timxi fid-dinja, tant jecc tibka f'pajjiżec u tant jecc tmur barra minn Malta, jaħtieġ illi tcnn taf titħaddet b'lingûi oħra; min jiftiehem b'lingûi barranija isib ûisk iżjed xoghol, icun iżjed smat ghax jista jitlob ir-ragjunijet tieghu, u katt ma jigi imbixchel mil frustieri fejn jinsab. Dan ma nghiduhx minn żniedna, imma dan jista jaraħ cull-ħadd, specjalment min siefer u dar id-dinja: actar ma ûieħed jaf jitchellem b'lingûi (ghalavolja ma jafx jakrahom u jictibhom) hu aħjar ghaliħ. Chiecu cull ûieħed u ûaħda li jinsabu f'Malta jafu jitchellmu bl'ingliż u bit-taljan, (imkàr ma jafux jakraû u jictbu ħlief biss bil malti) chiecu Malta chienet tcun bil ûisk aħjar milli hi illum. Aħna ghandna il cotra ma taf xejn ankas bil lingûa Maltija, oħrajn jafu jakraû u jictbu bil Malti, u ħafna oħrajn, bniet u subien, illi iħassru moħħom fuk l'istudiu ghal bosta snin u ma isibux impieghi u la pajjiżhom u ankas f'pajjiżi oħra.

(*Jissocta*) L. Manche'.

†

Itolbu il faraġ ta dejjem ghar-ruħ ghażiża tas-Sinjurina CARMELA MIFSUD, li mietet, haûn il Belt, fid-19 ta dan ix-xahar, ta tletin sena— ûara marda ħarxa u tûila, li hi sofriet ta nisranija, chif dejjem chienet ghaxet.

Alla jati is-sabar lill Missierha, lill Ħutha u lill Niesha collha.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

## Taħbit il moħħ.

JJ-rid U il R-ria Al binti / binti la

A it L IL ras.... u cull-ħadd J.

G. Attard.

**XARADA.**

Belt tal *eûûel*, l'*ieħor* biċċa:
cbir chien *collu* u cbir issemma
ghad li ûisk ħażin mar spiċċa.

C. S.

IT-TAHBIT IL MOHH l'ieħor chien:
*tàri—tira — tair — rait — rita — arti* (l'art tieghi).

Fissruħ tajjeb daûn biss (ghad li geûna, b'collox, fuk il ghoxrin tifsira): mil Belt, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sur G. Attard—mir-Rabat, is-Sûr G. Gaûci—u mill'Imsida, (*Circolo Mand. Bellini*) is-Sur Giuseppi Aqûilina.

# EMIGRAZIONI FILL BRAZIL

Birchircara 15 ta Ġunju 1912.

Lis-sinjuri,
President u Membri tal Cumitat
ghal Emigrazzioni Maltija.

Sinjuri,

Ghandi l'unur li iena nixħet kuddiemcom dan ir-rapport li bieħ immur nitchellem mill maura tighi f'li Stati ta San Paŭl fill Brazil, fejn iena mort sabiex nieħu u inkighed l'euuel ghakda tal Maltin li ħalleu art tuielidhom biex ifittxu art oħra.

*X'-sar.*

(2) Jena sifirt flimchien ma tlettax il familja tal bidia imghakdin minn tlieta u sebghin ruħ, il Hamis tat-28 ta Marzu li ħareġ, mal Vapur "Carthage", tal Cumpannija Transatlantica, ghal Marsilja. F'din il belt domna jumejn nistenneu biex nerġghu nitilku mal Vapur "Provence" ta listess Cumpannija, li chellu jitlak lejn Santos. Fuk il vapur u f'Marsilja in-nies tighi geu milkughin tajjeb ħafna u anche f'Marsilja chellhom l-ichel u rkad b'xejn sachemm uasal iż-żmien li nitilku.

Huejjeġ li jatu fill ghajn xejn ma ġralna fiż-żmien tal maurien taghna, cullħadd kauui sħiħ. F'Santos żbarcajna fill ġurnata tal Gimgha, fis-26 ta April, u fuk il vapur conn'na milkughin tajjeb uisk, n mita inżilna minn fuku conn'na ucoll milkughin mill *Maġġur Albert E Levy*. Minn Santos morna fill belt San Paul bill ferrovia u il familji maltin geu milkughin, minnghajr ħlas geuua il *Hotel degli Emigranti*, li hu cbir u li uiħed ma ibatix geuua fiħ, ghal erbà jem.

*Fejn n'xteħtu.*

(3) Ma tul erbà jem bill ghajnuna u bitħabric tas-Sur *Luiz Ferraz*, impiegat fill *Ministeru* tal *Agricoltura*, bħala *Direttur* tad-*Dipartiment* tax-xoghlijet, (Director do Departamento Estadual do Trabalho), il familji collha geu impiegati, ghal sena, mis-sur *Afso. M. Mezende*, proprietarju tal *Fazenda Santa Eulalia*, beghid xi sigha u nofs jeu sghatejn ta mixja fuk bghal jeu fuk ziemel, mil belt ta Brotas, li din hi boghod mill belt ta San Paul xi sebgha sighat bill ferrovia — Brotas hi belt sabieħa ta xi 12000 ruħ.

4. Il pattijet li saru huma daun:

(i) In-nies, il maltin ma humiex impiegati b'tant cull jum; iżda ix-xoghol taghhom hu li jieħdu cura mis-sigar tal cafè u ghal dan ix-xoghol cull uiħed jeħu mitt elf *Reis* li isarfu xi seba liri taghna, fis-sena ghal cull elf siġra tal cafè;

(ii) Cull uiħed ghal ġabra tal cafè, jircievi ħlas ta 500 *Reis*, li igibu xi tmin soldi taghna cull *Alqueira*, li jiġbor: l'Alqueira hi chejl li jasa 50 litru.

5 Cull familja tista taħdem barra minn ħamsin ġurnata ma tul is-sena, fix-xoghol tar-raba, iżda f'dan ix-xoghol huma impiegati biss rgiel minn 18 il sena il fuk. Dan ixxoghol hu mħallas minn tliet xelini u nofs sa erba' xellini cull jum.

6. Ghalhecc, cull familja ta erbgha minnies, imghakda mill missier, mill omm, minn tifel ta ħmistax il sena u ieħor ta tnax mita jaħdmu geuua Fazenda tal cafè, u li din il familja tcun tista tieħu cura ta ħamest elef (5000) siġra—tcun tista takla ma tul is-sena:

| | | |
|---|---|---|
| (a) Cura ta 5000 siġra | £ 35. 0. 0 | |
| (b) Ġabra ta 600 alqueires | ,, 20. 0. 0 | |
| (c) Xoghol bill gurnata (circa) | ,, 10. 0. 0 | |
| | £ 60. 0. 0 | |

(7) Cull familja, barra min dan, ghandha geuua Fazenda żeuġ ettari ta ħamrija ghaliha u li dach li tieħu minnhom tcun tista taghmel bieħ li trid, minnghajr chera, u dan il uiċċ jista jati mill inkas kamħerrum ma duar 100 alqueires li jisueu ma duar ghoxrin lira oħra.

In-nies tar-raba, li jaħdmu fill fazendas ghandhom il jett collu li icollhom id-dar fejn isir ix-xoghol ir-righei tal annimali, li irabbu: kżiekes, tigieġ, mghoz, u bakar tal ħalib u annimali oħrajn tal bigha minghajr ma iħalsu minn buthom, u dana isir ghall aħjar tagħhom.

*Lakghat mal cbar ta dic l'art.*

8. Chif usalt dhirt kuddiem il Conslu ingliż u flimchien mas-Sur Levy u is-Sur Antunes, chelli lakgha ma S. E. il Ministru tal Agricultura u mad-Direttur tax-xgholijet li ġa tchellimt min-nhom. Is-Sur Antunes hu l-Agent tal Vapuri tal emigranti. Min daun is-sinjuri collha cont milkugh bl-icbar educazioni u ħaffuli ħafna biex nispiċċa mill affarijit tighi, ghalhecc nitlob lis-sinjuri tal Cumitat li jizzuħajr lill dauc is-sinjuri collha li uakfu mighi.

*X'inhì il Fazenda Santa Eulalia*

9. Ghal erbat jem kghadt geuua Fazenda mal propretarju tagħha is-Sur Cyro M. Rezende sabiex nistudia x'inhu ix-xoghol u fuk collox in-nies x'icollhom x'jaksmu ma sid ir-raba. Il Fazenda hi biċċa art cbira (1500 ettari) collha imħaula bil cafè, Finnofs tinsab xmara u ilma li jaka' mil gholi. Jinsabu 52 dar ghan-nies tax-xoghol: daun id-diar huma tal madum, bis-sakaf tal injam u cull uaħda imkasma hecc: intrata, tliet cmamar tas-sodda cull uaħda ghandha forn, u gnien c'chejchen u xi post iħor ghall annimali tad-diar. Minn barra id-diar tal proprietarju u dauc tal amministratur tal Fazenda, hemm ucoll imħażen cbar u macni ghat-theijia tal caffè u biex ma jiġrilu xejn—Collox miżmum tajjeb u jidher loc li fiħ tinsab is-saħħa. Hemm ucoll cnisja c'chejcna fejn issir il kuddiesa cull ħmistax.

*Nefka biex uieħed igheix.*

10. Minn dac li stajt nakbad, uieħed jista igheid, illi meta uieħed inakkas dac li jinħtieġlu jonfok minn dac li icun kalà, ma-tul tas-sena ghandu isib xi tifdil, basta li igheix ta ragel li jibża ghas-sold.

Il prezzijet bejn uieħed u iħor tal ħuejjeġ tal bżonn huma daun:

| | | |
|---|---|---|
| Laham maktul fill post | | 6d il kilo |
| Zoccor (2dna qualità) | minn | 18s. sa 25s. cull 60 kili |
| Zeit ... | ... ... | 1s.d3. il litru |
| Baccaljau | ... ... | 1s. 3d. il kilo |
| Pitrolju | ... minn | 8s sa 10s cull caxxa |
| Mkarrun | ... ... | 5s cull caxx ta 12 kili |
| Tkiek | ... ... | 25s cull xcora |

11. Mill cotba tal Fazenda stajt ngharaf illi f'sena xi familji setghu jaghmlu dan ittfaddil:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Uahda | ta | 11 | il persuna | £280 |
| ,, | | 6 | ,, | 215 |
| ,, | | 4 | ,, | 70 |
| ,, | | 2 | ,, | 50 |

Iżda, narġa nghid, fuk dan it-tfaddil hia ħaġa uisk tkila biex icolli idea, mux biss certa, iżda inkas li ien nersak, ghaliex dan it-tfaddil hu f'idejn il ħaddiem.

12. Fill Fazenda hemm depost ta ħuejjeġ tal consum illi il ħaddiema jistghu jixtru minnhom. Rajt illi il prezzijet huma ghalijin; iżda il ħaddiema ma jixtrux bil fors minnhom, jecc iridu, u dan id-depost hu geuua il Fazenda: dauc li iħobbu jibżghu ghal ħabba, nhar ta *Ħadd*, f'belt kriba lejn Brotas, chif tispiċċa il kuddiesa, jixtru dac li icun jinħtigilhom ghal gimgha, bi prezzijet inkas minn dauc tal Fazenda.

13. Chif jingiebu bejniethom il ħaddiema ma tul il kaghad tighi geuua il Fazenda, Santa Eulalia, mill ħaddiema ix-xjuħ gharaft, illi tant irgiel chemm ucoll nisa igibu ruħhom tajjeb bejniethom u jinsabu cuieti u fill paci geuua diarhom. Ghamilt dakxejn ta viaġġ f'dauc in-naħiet, fejn rait ħafna Taljani, Spanjoli u oħrajn u tchellimt ucoll ma xi ħaddiema f'lochijit dakka haun u dakka hemm. Sibt illi cullħadd, min iżied min inkas collha maħbubin u ittrattati tajjeb mill Fazienderos. Ma inhiex ngheid, illi daun collha onesti u tal carità iżda il biċċa il cbira igibu ruħhom tajjeb.

*Qualità tal emigranti.*

14. Ghandi bil premura collha nitlob l-attenzioni tal Cumitat fuk dana is-soggett, L-emigranti ghandhom icunu f'saħħithom, jafu jaħdmu ir-raba' u jokghodu ghas-siġar tal cafè; ghandhom icunu flimchien mal familja tagħhom tcun chemm tcun ghaliex chemm cunu jistghu jaktghu il cafè, fli staġun tajjeb u dan hu l'aħjar ħaġa ghal kliħ fuk collox li ma ghandux bzonn taxxoghol bosta. L-autorità tal Brazil chif ucoll il Fazienderas huma ta fehma uaħda fuk il maurien tan-nies li ma jisueux ghax-xoghol. Il kuddiem, tcun ħaġa seuua chiecu uiħed jibghat ghal inkas il ghaxra fil mija ta ghożżieb, illi icollhom xi sengha, bhallichiecu zabbara, u tal ħaxix: daun chiecu isibu fejn jaħdmu bi ħlas tajjeb mita imur min Fazienda ghall oħra, fejn jiżbor is-sigar darba cull sena f'cull uaħda. Iżda biex uiħed jakla dan il permess, jinħtieġ illi ii Cumitat icollu xi corrispondenza mal ministeru tal Agricoltura ta hemm.

*Impieg fil Colonji tal Gvern.*

15. Jena stħarriġt jecc chienx jixrak ghal emigranti taghna li jeħdu min idejn il Gvern xi raba u jaħdmuħ accont tagħhom u iħalsuħ chemm jisua b'tant fis-sena. Minn dauc l'informazzionijet li chelli minn bosta nies u milli stajt nara ien f'dic id-daura li ghamilt emmint illi il ħsieb tighi ma tantċ hua ta min jokghod italla u iniżżel, ghaliex biex uiħed jaghmel dan icollu bzon il flus f'idejħ ghalchemm m'hux uisk uisk, sabiex icun jista jibda ix-xoghol u ir-raba igibu flocu li icun jista jati il frott. It-tieni, ixxoghol hua iebes, ghaliex quasi l'ghelieki jinsabu collha mimljin biz-zcuc u bl-gheruk tas-siġar billi kabel hemm chien bosc, u billfors, ghalhecc irid ighaddi bosta żmien sachemm dac ir-raba isir tajjeb sabiex icun jista jati il frott—dauc li ma ghandhomx flus ghandhom jaħdmu geuua il Fazende, u biss mita icunu faddlu il flus icunu jistghu jeħdu taħt idejhom biex inadfuhom imbghad jaħdmuhom accont tagħhom.

*Operazzionijet generali.*

16. Minn li stajt nakbad u ngharaf f-it-tul taż-żmien li kghadt fli Stati ta San Paul u minn dac li ħoddihor gharrafni ghandi irraġunijit collha li nemmen, illi l'aria ta fejn cont ien (barra minn ma duar Santos) hi tajba u tati is-saħħa: it-temperatura hi bħal ta Malta u ebda marda ma tittieħed.

17. Imbhgad jecc nitchelmu mir–Religion ta dic l-art, osservajt illi ir-religion uiħed jista jaghmila minnghajr biża ta xejn: u hemm ħaġa sabieħa ferm illi uiħed jista ucol jilħak mad-dmir tighu ta veru cattolcu bill facilità collha; ghaliex fil belt ta Brotas hemm il Cnejjes u hemm is-sacerdoti. Il mazuni u xi nies bħal daun f'San Paul jinsabu, bħalma huma f'Artijet oħra u bhalma huma ucoll geuua Malta; iżda il kassisin ħadd ma jatihom fastidju.

18. Kabel ma nispiċċa ghandi nosserva, illi il condizzionijet ta li stati ta San Paul huma, illi cull sena kieghdin jiġbdu ghadd cbir ta emigranti li biex uiħed jemmen jati dakka ta ghajn lejn li statistichi u dan juri biċ-ċar li l'aria, ix-xoghol u cullma hemm jinghoġob.

Nistkarr-ruħi
Serv l'actar fidil
CAN. P. P. CHARBON.

P.S. Uara li jena uasalt f'Malta smajt illi it-tieni ghakda tal emigranti li uaslu f'*Santos*, uara is-safra tieghi, chienet taħt il cura tas-sur Levy, kighed fill Fazenda Capas quante, Estacas di arns, (San Paulo) tal Curunell J. M. D'almeida Barboza.

CAN. P. P. CHARBON.

Din iż-*Żieda*, li hi ħaġa barranija mil *Habib*, ħallejniha bl'ortografija ta min baghtielna.

ID-DIREZZJONI.